# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN



*PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta*
*e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com*
*Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin*



Mejju 2023 — Ħarġa Nru 31



Kumitat 2023 - 25

President
Valent Xuereb

Viċi-President
(vakant)

Segretarju
Adrian Schinas

PRO Editur Fuljett
Norbert Gingell

**Teżorier**
Angele Xuereb

Membru responsabbli mill-Attivitajiet
Owen Caruana

Membru
Godfrey Mangion


## EDITORJAL

Għeżież Membri u Ħbieb,

Bdejna fix-xita u spiċċajna bix-xemx !! Hekk kienet il-ħarġa li kellna fix-xahar ta' April fejn żorna il-kappelli tal-Kunċizzjoni f'Wied Gerżuma, ta' San Martin il-Qadima fil-Baħrija, it-tnejn limiti tar-Rabat, u dik tal-Madonna ta' Itria f'Binġemma fil-limiti tal-Imġarr.

Erġajna kellna attendenza numeruża li donnu issa stabbiliet ruħha sew, bil-maġġor parti ta' dawk li jattendu qed ikunu regolari. Dan jagħmel qalb lil-Kumitat biex ikompli jaħdem u jorganizza dawn l-attivitajiet ta' kull xahar.

Il-ħarġa li jmiss f'Mejju se tkun dik għal Għawdex, attività li minn sena għal oħra tkun popolari ħafna u mistennija mill-membri u ħbieb tal-Għaqda.

Grazzi tal-appoġġ tagħkom.

**N. Gingell**
*Għal Kumitat*

## IL-KNISJA Ż-ŻGĦIRA TA' SAN SEBASTJAN, ĦAL –QORMI



Fl-1873 Michelangelo Azzopardi ressaq rikors lill-Isqof Gaetano Pace Forno sabiex tinbena knisja fejn tinsab illum. L-Isqof ikkonsulta l-Kappillan tal-parroċċa ta' San Ġorġ, Dun Alwiġ Ellul dwar dan ir-rikors u għalkemm qabel mal-proposta, ressaq xi kundizzjonijiet fosthom dik li l-knisja tkun iddedikata lil San Sebastjan.

Ix-xogħol beda fl-1880 fuq pjanta tal-perit Joseph Borg; Michelangelo Azzopardi u Nikol Pulis kienu l-imgħallmin tal-bini. Ġiet imbierka minn Mons. Ġużeppi Mercieca, Vigarju tal-Isqof fid-9 ta' Marzu 1890. Fl-14 ta' Lulju, l-Isqof G Pace Forno għamilha sagramentali. Fid-19 ta' Lulju 1918 l-Isqof Mauro Caruana għamilha viċi parroċċa; fil-25 t'Ottubru 1935 l-istess Isqof għolliha għall-parroċċa b'Dun Alwiġ Psaila l-ewwel kappillan tagħha. Ħa l-pussess fil-5 ta' Jannar 1936. Serviet bħala knisja parrokkjali sal-1982.

**GĦAL AKTAR TAGĦRIF U STEJJER FID-DETTAL TAL-KAPPELLI ŻURU S-SIT WWW.KAPPELLIMALTIN.COM**

Fil-faċċata din il-knisja għandha żewġ kampnari irtirati ’l ġewwa minn naħa minnhom, għandha żewġ ordnijiet ta’ grupp ta’ kolonni stil Korintin. Il-bieb prinċipali hu mdawwar bi gwarniċun li f’nofsu hemm ‘cartouche’ b’kitba bil-Latin li tfisser *‘Qiegħed il-Mulej fuq rasu kuruna ta’ ħaġar prezjuż’*. Fit-tieni ordni hemm l-arma tal-Papa Ljun XIII, fuq iċ-ċinta hemm pediment li f’nofsu hemm skolpit l-Ispirtu s-Santu.

Ġewwa hi mibnija bi stil Barokk bil-kolonni stil Korintin. In-navi huma msaqqfha nofs tond. Il-parti


*Dehra tal-artal ewlieni*


*Bieb ewlieni u gallarija*

ċentrali tagħti għat-tond li fuqha kellha titla’ koppla. Il-presbiterju, li ġej għan-nofs tond bl-artal maġġur tal-irħam.




It-**titular**, li jirrapreżenta l-martirju bil-vleġġeġ ta’ **San Sebastjan,** hu ta’ Lazzaro Pisani. ’L fuq mit-titular hemm kwadru tond li jirrapreżenta lill-**Missier Etern**. Fuq kull naħa tat-titular hemm il-kwadri tal-Qalb ta’ Ġesù u tal-Qalb ta’ Marija.




**Qalb ta’ Ġesu**


**Qalb ta’ Marija**


*Ir-Redentur*

Hemm żewġ artali oħra: wieħed iddedikat lir-**Redentur** – ta’ Lazzaro Pisani, li fuq kull naħa tiegħu hemm żewġ kwadri; wieħed juri l-**Sant’Anna u San Ġwakkin mal-Madonna** u l-ieħor lill-**Familja Mqaddsa**.


**Madonna, Sant’ Anna u San Ġwakkin**


*Familja Mqaddsa*


Madonna tar-**Rużarju**

L-artal l-ieħor hu ddedikat lill-Madonna tar-Rużarju – xogħol Naplitan li fuq kull naħa hemm żewġ kwadri; wieħed juri lil Santa Katarina ta' Siena u l-ieħor lil Santa Tereża t'Avila.

Fuq il-bieb ta' barra minn ġewwa hemm gallarija tal-orgni tassew sabiħa.

Nhar il-Ġimgħa, 25 t'Ottubru 2019, kien jaħbat 74 anniversarju minn meta saret parroċċa. Dak in-nhar Mons Arċisqof Charles Scicluna ikkonsagra din il-knisja.





***Kitba ta' Louis Fenech***
*U Michael Debono*

*Ritratti: N Gingell*

## IL-KNISJA TAL-VITORJA, ĦAL QORMI



Fl-inħawi fejn illum naraw il-knisja tal-Vitorja, fl-antik kien hawn għadd ta' kappelli żgħar li maż-żmien ġew ipprofanati għaliex kienu fi stat traskurat. Fl-1575 Mons. Pietru Dusina sab li waħda minn dawn il-kappelli kienet iddedikata lill-Assunta. Fl-1588 l-Isqof Tumas Gargallo biddel id-dedika ta' din il-kappella minn dik tal-Assunta għat-Twelid tal-Madonna (Il-Vitorja). Aktarx li dan sar għaliex wara r-rebħa li kienet saret fl-Assedju l-Kbir – li saret viċin din il-festa – il-qima lejn il-Madonna b'dan it-titlu kienet qed issir popolari.

Ma nafux meta bdiet tinbena l-knisja li naraw illum imma fl-1686 kienet lesta. Minn barra l-knisja għandha arkitettura sempliċi speċjalment in-naħa t'isfel. Aktar 'l fuq, fil-faċċata nsibu ċinta u fuq din iċ-ċinta hemm niċċa li fiha hemm statwa tal-ġebel tal-Kunċizzjoni. Fuq in-naħa tax-xellug tal-faċċata hemm ukoll kampnar. Għandha żewġ bibien: wieħed fil-faċċata tagħha u l-ieħor fil-ġenb. F'dan il-ġenb hemm ukoll tliet twieqi kbar.



Il-knisja minn ġewwa hija rettangulari **b'saqaf troll**; b'arkati li jitilgħu minn fuq ċinta li sserraħ fuq saljaturi dekorattivi. Fuq l-artal maġġur hemm it-titular li juri lil Sant'Anna bil-Madonna ċkejkna f'ħoġorha flimkien ma' San Ġwakkin, xogħol Giuseppe Calì u sar fl-1890.




Minbarra l-artal maġġur hemm erba' artali oħra, li kollha għandhom prospettiva skulturata sabiħa ħafna u dawn ifakkru erba' kappelli li kien hemm fl-inħawi ta' din il-knisja. Dawn kienu ddedikati lil: **San Pawl, Santa Marija, San Leonardu u Santu Rokku.** Insibu wkoll kwadru ta' San Sebastjan li jfakkar fil-kappella li kien hemm iddedikata lilu.











Fuq il-bieb tal-faċċata tal-knisja, minn ġewwa, hemm **gallarija tal-orgni.**

Fl-1942 il-Prokuratur tal-knisja Ġorġ Casha ordna **statwa titulari tal-Bambina** pjuttost oriġinali, dan għaliex turi l-Madonna tarbija mfisqija f'libsa rrakkmata mimduda fuq saqqu ornamentali.



Din il-knisja saret sagramentali nhar it-13 ta' Ġunju 1969 mill-Arċisqof Mikiel Gonzi. Il-knisja hi miżmuma tajjeb ħafna u fiha jsir quddies kuljum kif ukoll funzjonijiet oħra reliġjuzi.

Kull sena tiġi ċċelebrata l-festa tal-Bambina fl-ewwel Ħadd li jiġi wara t-8 ta' Settembru. Għall-festa l-knisja tiġi armata bid-damask u dak kollu li jixraq.

Dan l-aħħar reġa' sar restawr fuq il-faċċata u l-kampnar ta' din il-knisja.

***Kwadri oħra li jinsabu f'din il-kappella***









***Kitba ta' Louis Fenech***
*nformazzjoni misluta minn diversi sorsi*

*Ritratti: N Gingell*

## IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦLAS, ĦAL QORMI



Il-knisja tal-Madonna magħrufa bħala "*Santa Marija tal-Ħlas*" tinsab f'Wied is-Sewda bejn Ħal Qormi u Ħaż-Żebbuġ. Għalkemm hi aktar viċin Ħaż-Żebbuġ, din il-knisja minn dejjem kienet tagħmel ma' Ħal Qormi.

It-tradizzjoni tgħid li din il-knisja ssejħet hekk minħabba li wara t-talb, Malta nħelset mill-iskjavitù tas-Saraċini. Oħrajn isostnu li ġiet imsejħa hekk għax ħafna nisa li kienu ser iwelldu, kienu jmorru jitolbu hemmhekk. Wara li jwelldu ħafna minnhom imbagħad kienu jmorru jippreżentaw lit-trabi tagħhom f'dan is-Santwarju għażiż, biex iroddu ħajr lill-Madonna tal-grazzja maqlugħa.

L-art magħrufa bħala Tal-Ħlas ħadet isimha minn din il-knisja ddedikata lill-*Madonna della Liberazione*, kif kienu jsejħulha t-Taljani.



Is-saqaf tal-**kappella oriġinali**

Knisja antika ħafna, jingħad li l-ewwel knisja inbniet fis-seklu 15, fi żmien meta r-Re Alfonso kien Sultan tal-Aragoniżi. X'aktarx li nbniet fl-1495, u kienet tikkonsisti fi knisja mdaqqsa, imma nieqsa mir-rikkezzi. Kienet ħelwa ħafna u kienet tiġbed l-attenzjoni kemm tal-bdiewa tal-inħawi kif ukoll popolari ma' dawl li kienu jivvjaġġaw mill-Birgu sa l-Imdina (jew bil-kontra) billi kienet tiġi nofs triq, hekk li kienu jieqfu hemm biex jistrieħu mit-triq twila u fil-mistrieħ jinvistaw lill-Madonna. Biswit kien hemm ċimiterju żgħir. Jingħad ukoll li ħdejn dan iċ-ċimiterju għex għal żmien twil wieħed eremita li kien iqatta' ħajtu jitlob għall-erwieħ.

Lejn nofs tas-seklu 16 il-knisja kienet fi stat ħazin ħafna. Fis-sena 1560, it-teżorier tal-Ordni, Fra Kristofru Le Boulleur de Montgaurdi, li aktarx kien imur għall-kaċċa fl-inħawi magħrufa Tal-Ħlas, u li kien devot kbir tal-Madonna, iddeċieda li jibni l-knisja mill-ġdid. Bena wkoll kamra għar-rettur fil-ġnejna li hemm fil-qrib. Montgaurdi ukoll ħallas għall-kwadru l-qadim li juri l-Madonna fuq is-sħab u fil-ġnub, lil San Pawl, patrun ta' Malta u San Ġwann il-Battista, patrun tal-Ordni, bl-arma tiegħu isfel nett, u d-data 1573 li turi meta sar il-kwadru. L-arma ta' Montgaurdi nsibuha wkoll fil-knisja. Dan il-kwadru, li sar fuq l-injam, hu ta' preġju artistiku kbir, illum jinstab fis-sagristija tal-knisja ta' San Ġorġ, f'Ħal Qormi. Montgaurdi kien iżur din l-knisja qabel ma kien joħrog fuq ix-xwieni tal-Ordni, li tagħhom hu kien ġeneral, biex il-Madonna tħarsu minn kull periklu, u wara li jasal lura qawwi u sħiħ, kien jerġa' jmur biex jirringrazzjaha.



*L-arma ta' Fra Montguardi*

Fiż-żjara tiegħu Mons Dusina fl-1575, semma l-knisja li kienet tinsab fil-limiti magħrufa Tal-Ħlas u rrefera għaliha bħala l-knisja tal-Madonna tal-Kilas jew Kalas. Fiż-żjarat appostoliċi oħra li saru mill-Isqof Malti Mons Baldassare Cagliares fl-1616 u l-Isqof Mons Balaguer fl-1656, irrimarkaw li l-knisja Tal-Ħlas kellha devozzjoni kbira, kif ukoll tissemma' l-ġenerozità kbira tal-Kavallier Montgaurdi li kien benefattur kbir ta' din il-knisja.

Bejn l-aħħar tas-seklu 17 u nofs is-seklu 18 sar l-akbar tibdil f'din il-knisja. Mill-viżta ta' Monsinjur Cocco Palmieri fl-1693, jidher li l-knisja nbniet mill-ġdid fuq l-pjanta ta' Lorenzo Gafà minħabba li ġarrbet ħsara kbira fit-terrimot li kien inħass f'Jannar 1693. B'dan it-tibdil, il-knisja tkabbret fuq wara fejn illum insibu l-kampnar. Il-kapillan ta' Ħal Qormi kiteb Ruma u kien qal li l-poplu Qormi kien lest li jħallas għall-ispejjeż, sakemm din tibqa' tagħmel mal-paroċċa ta' Ħal Qormi. Il-permess ingħata u għalhekk mal-faċċata tidher l-arma tal-Papa Klement XI. Fuq ġewwa kien hemm l-arma tal-Isqof Cocco Palmieri, li issa tinsab fis-sagristija.



L-arma tal-Papa Klement XI



Reġgħet inbniet lejn l-aħħar tas-seklu 17 fejn saru xi tibdiliet oħra. **Is-saqaf tal-knisja** huwa sabiħ ħafna, tond u mibni b'volti mibnijin fil-ġebel b'sengħa kbira. Dawn il-volti huma mserrħin fuq il-kustilji, li huma ħnejjiet kemmxejn kbar, li kienu saru biex jagħtu aktar saħħa lis-saqaf troll.



Maż-żmien inħass il-bżonn li jinbena **portiku** addattat. Ma nafux jekk Lorenzo Gafà inkorporax il-portiku fid-disinn tiegħu, għax minn pjanti ta' knejjes oħra li ddisinja hu li fihom portiku, għandhom għamla differenti. Il-portiku li fiha din l-knisja iktar għandu għamla ta' loġġa li serva għas-serħan u kenn mix-xemx Maltija għal dawk li kienu jieqfu hemm.

Fuq wara tal-knisja nsibu kampnar imdaqqas, mgħammar b'żewġ qniepen, bil-qanpiena l-kbira għad hemm is-sena 1699 u l-arma tal-Isqof Cocco Palmieri. Il-kampnar jinstab fuq in-naħa ta' wara tal-knisja u dan jindika li l-knisja, meta tkabbret, tħallitilha bla mittiefsa l-parti oriġinali ta' quddiem.



Insibu diversi kwadri ta' pittura, x'uħud ta' preġju. Barra mill-kwadru l-antik li kien ħallas għalih il-Kavallier Montgaurdi, insibu t-titular il-**ġdid** tal-Assunta, li jingħad li hu xogħol tal-iskola ta' Franġisku Zahra fl-1773 u li kien sar b'wegħda ta' persuna devota. Fl-apside tal-knisja hemm pittura li turi l-inkoronazzjoni tal-Madonna, li saret fl-1719 mill-pittur Enrico Arnaud. Kwadri oħra li darba kienu fil-knisja huma ta' San Tumas, San Sidor, San Pankrazju ud-Duluri.

Fis-sagristija nsibu għadd kbir ta' kwadri tal-wegħdi jew *ex-voto*, uħud minnhom antiki u oħrajn iktar riċenti. Dawn jixhdu li nqalgħu grazzji ta' fejqan mill-mard, ħelsien mill-għarqa u ħlas tajjeb. Insibu wkoll ilbiesi ta' trabi li juru li din il-knisja għadha popolari ħafna mal-ommijiet waqt it-tqala.





*kwadri tal-**wegħdi** jew ex-voto*

Il-festa ta' Marija Assunta dari kienet issir fil-ġurnata tagħha (15 t'Awwissu) imma wara bdiet issir Ħadd wara. Din kienet tiġbed ammont kbir ta' nies minn Ħal Qormi u Ħaż-Żebbug, u oħrajn. Bħal xi wħud mill-knejjes tal-kampanja, wara li tispiċċa l-funzjoni kienu jitqassmu ħbejżiet, kagħak jew ġellewż u xi tazza nbid. Il-festa għadha ssir sal-lum, b'quddiesa u fiera fil-għaxija. Wara l-quddiesa ta' filgħodu jkun hemm il-preżentazzjoni tat-trabi, u jkunu mistednin ukoll dawk in-nies li ppreżentaw t-trabi matul dik is-sena.

Il-knisja tinsab f'kundizzjoni tajba ħafna u tinfetaħ kull tielet Ħadd tax- xahar , fejn tiġi ċċelebrata quddiesa bil-preżentazzjoni tat-trabi fl-4.30pm.

F' Ġunju 2008 sar xogħol ta' restawr fuq il-faċċata kif ukoll tal-loġoġ. Kif ukoll tà l- istatwa ta' Santa Marija li hemm quddiem l-knisja.



*Dehra tal-artal ewlieni u l-apside mill-gallarija*



*Il-Missier Etern—sopra kwadru fuq it-titular*

***Kwdri oħra li jinsabu fpreżentament fil-knisja***







***Kitba ta' Roderick Busuttil***

*Informazzjoni misluta mis-sit www.kappellimaltin.com* *Ritratti: N. Gingell*